# Linji Gwida għall-Pjattaforma EVA – Dawk li Jħarrġu u Għalliema

Dan id-dokument huwa għalik li inti għalliema/a, imdaħħal fit-taħriġ, konsulent, eċċ li taħdem mal-migranti u trid taħdem fuq ħiliet u fehma dwar l-intraprenditorija. Din l-introduzzjoni tagħti idea żgħira dwar il-metodoloġija u l-kontenut ta' kull parti tal-pjattaforma, flimkien ma' pariri prattiċi u linji gwida dwar kif il-pjattaforma taħdem teknoloġikament.

## Dwar il-pjattaforma:

Il-pjattaforma EVA hija għodda għal intraprendituri potenzjali bi sfond ta' migranti. Il-pjattforma għandha l-għan li tagħti lill-individwu evalwazzjoni tal-ħiliet u fehma eżistenti tiegħu lejn l-intraprenditorija u imbagħad tiggwidah sabiex jitgħallem aktar dwar l-affarijiet bażiċi biex tkun intraprenditur bil-għan li jkun assigurat li jifhem x'ikun meħtieġ.

L-intenzjoni tal-pjattaforma hija għalhekk mhux li tkun taħriġ sħiħ dwar l-intraprenditorija li tgħin lill-individwu li jibda jfittex li  jkun intraprenditur, iżda sabiex tiżgura li d-deċiżjoni tiegħu li jagħmel dan hija kwalifikata u li huwa mixħut sewwa sabiex jibda l-vjaġġ b'għarfien ta' sfond tajjeb tal-kwalifiki tal-intraprenditorija.

## Kif tuża l-pjattaforma:

Il-pjattaforma ma għandhiex bżonn log in. Dan ifisser li l-utent jrid ilesti l-partijiet tal-pjattaforma li jinvolvu mistoqsijiet f'sessjoni waħda, għaliex is-sistema ma żżommx ir-riżultati sabiex jintwerew wara.

Aħna nirrakkomandaw li jintuża l-Google Chrome bħala browser, għaliex l-ambjenti 3D fl-aħħar parti tal-pjattaforma jaħdmu aħjar bih.

Biex taċċessa t-tliet partijiet tal-pjattaforma, ara l-websajt EVA www.eva-project.eu)/. Fl-ewwel paġna fuq ta' din il-websajt hemm menu, fejn inti tista' tagħżel il-pajjiż.  Il-paġna li fiha inti tidħol tkun fil-lingwa nazzjonali.  F'din il-paġna ssib il-ħoloq għat-tliet partijiet.

Kif semmejna, il-pjattaforma ma żżommx it-tweġibiet tiegħek, għalhekk lesti t-test li tkun qed tagħmel qabel ma tirritorna lejn il-websajt u tmur f'taqsima oħra.

Il-pjattaforma hija tradotta fil-lingwi nazzjonali tal-imsieħba (Daniż, Ġermaniż, Grieg Ċiprijott, Malti u Ingliż (Malta). Tista' ssib li ċerti buttuni tal-menu huma f'lingwa oħra – jekk dan iseħħ hemm ħolqa għall-paġna ta' pajjiżek fuq il-websajt EVA, għal sit, fejn inti tista' tagħżel il-pajjiż/lingwa tiegħek kif jidher fl-istampa hawn taħt.




Il-materjali fil-pjattaforma huma adattati għal kuntesti nazzjonali, għalhekk agħżel il-pajjiż fejn tinsab. Il-livell tal-lingwa huwa adattat għal utent li għandu livell bażiku/medju tal-lingwa. Il-mistoqsijiet huma bbażati fuq mistoqsijiet magħluqa, li jfisser li inti trid biss tikklikkja t-tweġiba tiegħek jew tikteb kelma jew tnejn.

## X'hemm fil-pjattaforma:

Il-pjattforma hija maqsuma fi tliet partijiet: Skopri, Żvilupp u Ittestja (il-ħiliet intraprenditorjali tiegħek).

***Skopri l-ħiliet ta' intrapriża tiegħek:*** Din it-taqsima hija evalwazzjoni tal-għarfien, esperjenzi u ħsieb eżistenti tal-utent li jsir intraprenditur. Il-mistoqsijiet magħmula jintużaw sabiex jagħtu reazzjoni individwali fuq oqsma multipli ta' kompetenza. Ir-reazzjoni turi f'liema oqsma ta' kompetenzi u abbiltajiet, l-utent jista' jibbenefika. Ir-reazzjoni tipprovdi wkoll suġġerimenti fuq liema suġġetti (unitajiet) ta' taħriġ għandu jiffoka.

Il-mistoqijiet jieħdu madwar 20-30 minuta biex jitwieġbu skont il-ħiliet tal-lingwa tal-utent. Kif semmejna, it-test irid isir f'sessjoni waħda, għax it-tweġibiet ma jinżammux.

Fi tmiem l-evalwazzjoni r-riżultat jingħata f'taqsira. Din it-taqsira tista' titniżżel f'format pdf jew mibgħuta lill-indirizz elettroniku li inti tniżżel. Agħżel waħda minn dawn l-għażliet biex iżżomm ir-reazzjoni għal użu aktar tard - ir-reazzjoni ma tinżamm bl-ebda mod fis-sistema!!!



Huwa possibli li fi tmiem il-paġna inti tkompli direttament fi Żviluppa l-Ħiliet Intraprenditorjali Tiegħek bil-materjal ta' taħriġ, jew tista' tmur lura lejn il-websajt EVA u hemm tiddeċiedi xi trid tagħmel.

***Żviluppa l-ħiliet intraprenditorjali tiegħek:*** Din it-tieni taqsima tal-pjattaforma hija fejn ġbarna serje ta' ħoloq għal materjal ta' informazzjoni, gwidi u għarfien dwar l-intraprenditorja f'pajjiżek b'mod speċjali għal migranti. Il-materjali huma maqsuma f'ħames unitajiet relevanti: 1. Ħolqien tan-Negozju, 2. Bidu tan-Negozju Tiegħek, 3. Aċċess għall-Finanzi, 4. Bejgħ & Kummerċjalizzazzjoni u 5. Kultura, Lingwa, Komunikazzjoni u Netwerking.

Mit-taqsira tar-riżultat fl-ewwel taqsima, l-utent diġà jkollu idea dwar fuq liema unitajiet huwa għandu jiffoka. Iżda l-unitajiet kollha huma relevanti għal intraprendituri ġodda u s-suġġetti kollha jkunu parti mis-Simulatur ta' Intrapriża u t-testijiet fit-tielet parti.

Sabiex tinnaviga fl-unitajiet tal-materjali ta' taħriġ uża l-punt fil-menu "Kors" fuq – dan jagħti aċċess għal ħames unitajiet kollha.




Din hija kif tidher meta tikklikkja l-menu "Kors" – Fil-lista inti tista' tagħżel f'liema unitajiet tmur.

Il-punt tal-menu għal-lemin ta' "Kors" jista' jintuża sabiex tinnaviga f'kull unità bejn is-sotto-unitajiet differenti.




Meta tikklikkja fuq kull waħda mill-ħoloq għall-materjal ta' taħriġ suġġerit, il-paġna tiftaħ tab/tieqa ġdida, li tippermettilek li tirritorna lura fejn kont fil-pjattaforma meta inti ttemm tesplora l-paġna.

***Ittestja l-ħiliet ta' intrapriża tiegħek:*** Il-parti finali tal-pjattaforma tikkonsisti f'żewġ elementi relatati; ambjent 3D b'ħames sitwazzjonijiet tipiċi għal intraprendituri ġodda, flimkien ma' ħames testijiet individwali, wieħed relatat għal kull sitwazzjoni.

Meta tidħol fis-Simulatur ta' Intrapriża inti tinsab f'sala b'ħames bibien – kull bieb kkulurit iwassal għal sitwazzjoni. Kull kamra fis-simulatur fiha numru ta' elementi li tikklikkja fuqhom (murija ċrieki griżi), għalhekk meta inti tiċċirkola fis-sitwazzjoni, inti tiltaqa' ma' dawn l-elementi. Meta tikklikkja fuq waħda, jidher test b'dilemma sitwazzjoni, punt ta' riflessjoni, eċċ, li jpoġġi l-għarfien li inti għandek f'kuntest prattiku, u jġiegħlek tirrifletti dwar x'kieku kellek tagħmel.

Biex toħroġ mill-kamra, inti trid issib bieb/dħul f'kull sitwazzjoni u tikklikkja ċ-ċirku hemmhekk – dan jieħdok lura lejn is-sala bil-bibien.

Aħna nirrakkomandaw li inti tesplora sitwazzjoni waħda kull darba, u wara kull sitwazzjoni tieħu t-test relatat mas-suġġett tas-sitwazzjoni. Inti ssib ħolqa għat-test qrib l-istampa tas-simulatur, fejn kull suġġett huwa mniżżel b'ħolqa biex tieħu t-test.




Inti mhux bilfors tlesti t-testijiet kollha f'daqqa; ladarba tkun għamilt test (u għaddejt), inti tingħata validazzjoni tat-test b'badge diġitali. Għalhekk inti tista' tesplora s-simulatur fuq perjodu itwal ta' żmien. Kull test jieħu massimu ta' 10 minuti biex jitlesta. Anke hawnhekk, kull test irid jitlesta f'sessjoni waħda, ladarba t-tweġibiet ma jinżammux.

Meta tgħaddi minn test (inti trid tweiġeb tajjeb aktar minn 75 % tal-mistoqsijiet), inti tingħata badge diġitali. It-teknoloġija tal-badge diġitali tfisser li inti tista' toħloq portmoni tal-badge individwali (onlajn/jew bħala applikazzjoni fuq il-mowbajl). Biex tirreġistra trid toħloq kont b'indirizz elettroniku u password li tiddeċiedi inti.

Wara r-reġistrazzjoni, inti tista' titlob il-badge u din tkun maħżuna bħala diploma/ċertifikat diġitali, li tispjega xi tgħallimt biex ksibt il-badge. Inti tikseb il-badge billi tiskennja l-kodiċi-QR jew tniżżel il-kodiċi li tintwera (itlob kodiċi) Il-kodiċi tista' tintuża darba sabiex ma tkunx użata ħażin, minn diversi utenti li jitolbu l-istess kodiċi/badge.

Aqra aktar dwar it-teknoloġija tal-badge permezz ta': https://www.badgecraft.eu/

Inti tikseb badge wara kull test, u meta tkun lestejt il-ħamest testijiet kollha, inti tikseb il-badge ġenerali EVA, li tiċċertifika li inti segwejt il-pjattaforma kollha u ksibt ir-riżultati ta' tagħlim mistennija.